# KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

9 ta' Mejju, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 54

54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 52 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 53-9;
54.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
54.6 Komunikazzjoni;
54.7 Rapport ta' Kull Kwart (Jan – Mar 2023);
54.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
54.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2023;
54.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Steven Gauci u l-ambaxxatriċi Francesca Borg ma jistgħux jattendu għal din il-laqgħa filwaqt li l-Viċi Sindku se tiġi aktar tard. Il-Kunsill preżenti aċċetta din l-apoloġija.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 52 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 5 3– 9

**54.2.1** Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 52 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 53 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 54.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

54.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

54.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li l-kuntrattur issa lesta s-sodda tal-konkos quddiem il-każini u probabilment għada l-Ħamis 10 ta' Mejju se jibda l-pavimentar. It-toqob tal-500 saru u anki qed jiġu msaqfa t-truf tal-Culvert u konsegwentement jintela biċ-ċagħak, tintrema x-xibka biex ikun jista jingħata l-konkos.

54.3.3 Fis-13.40 p.m. Il-Viċi Sindku daħlet għal-laqgħa.

54.3.4 Rigward iż-żona ta' wara l-Knisja, il-Kunsill qed jistenna biex il-Ministeru jħallas il-cable tal-'High Tension' biex ikun jista jinqala u jitpoġġa fis-'service culvert'. Eventwalment imbagħad ikun jista jgħaddi l-main ta' l-ilma u ssir is-sodda tal-konkos. Is-Sindku rrimarka li l-parti tas-sqaq li tagħti għal MUSEUM tad-duttrina hemm ħafna servizzi mgħoddijin, liema servizzi preżentament huma miftuħa u mgħottija bil-pjanċa tal-ħadid. L-Enemalta qed tissuġerixxi li s-'service culvert' jkompli għaddej sas-sub station ta' fejn il-MUSEUM. Ġie rrimarkat li oriġinarjament fil-bidu ma kienx hemm il-ħsieb li jsir, pero ġie ssuġġeriet li f'dan l-istadju jagħmel ħafna sens li jsir u għalhekk il-Kunsill qed jitkellem mal-Ministeru għal Għawdex fuq din il-possibilta. F'dan il-każ il-cables li għaddejin jridu jinqalgħu l-fuq biex ikun jista jgħaddi l-culvert u eventwalment jerġgħu jitpoġġew.

54.3.5 Il-Kuntrattur qed jippjana li xħin jagħti l-konkos kollu quddiem il-każini, jkunu jistgħu jidħlu l-karozzi u jipparkjaw. Hawnhekk is-Sindku ssuġerixxa li jekk possibli l-Kunsill għandu jgħin lill-każini billi jġib xi bands mużikali nhar ta' Sibt bħala attrazzjoni u hekk ikunu qed jgħinu lis-sidien ta' dawn l-istabilimenti. Dan għal-fatt li wara sentejn ta' pandemija, l-każini ħadu daqqa oħra ta' ħarta bix-xogħol li qed isir marbut mar-riġenerazzjoni u l-pavimentar tal-pjazza. Il-Kunsill qabel ma dan.

54.3.6 Il-Kunsillier Bajada semma jekk hiex fattibli li fejn il-każini jibqax konkos u x-xogħol ikompli n-naħa l-oħra tal-Pjazza. Is-Sindku minn naħa tiegħu qal li l-kuntrattur huwa fiduċjuż li sa Lulju il-parti ta' fejn il-każini tkun lesta bil-pavimentar għalkemm ma jkunux jistgħu jgħaddu karozzi. Semma ukoll li 'Feeder Pillar' li skont il-pjanta kien se jiġi quddiem it-tieqa tal-post ta'resident, bis-Sindku joġġeżżjona għal-fatt li jekk fil-futur ikun hemm il-ħsieb li l-post jitwaqqa u jkun hemm ix-xewqa li jsir garaxx mis-sidien, dan ma jkunx possibli. Għalhekk dan il-feeder pillar huwa maħsub li jsir quddiem il-qasma taż-żewġ postijiet maħruġ il-barra.Il-Perit qabel ma dan is-suġġeriment u naturalment il-kuntrattur ma tagħmilhux differenza. Il-Kunsillier Bajada staqsa jistax isir fil-bidu tas-sqaq li jmiss mal-post ta' Dun Lawrenz Xiberras anki minħabba raġunijiet ta' estetika. Possibilta li s-Sindku flimkien mal-kuntrattur u l-Perit konċernat se jaraw hux fattibli flimkien mal-ħaddiema ta' l-Enemalta, pero semma li 'feeder pillar' se jkun amalgamat ma l-għamara tal-pjazza u għalhekk mhiex se tkun estetikament li jdejjaq l-għajn.

54.3.7 Il-parti tal-Pjazza fejn hemm l-istatwi l-qodma is-service culvert ġie estiż fejn ġejjin l-istatwi l-qodma li se joħorġu l-barra u r-rampa biex titla għaz-zuntier tiġi warajhom. Il-ħajt fejn hemm is-sangristija se jiġi l-'feeder pillar' u minn hemm jista jgħaddi l-cable tar-radju tal-kommunita. Il-Kuntrattur ġie mqabbad biex jitpoġġew aktar tabelli tat-traffiku u bil-għajnuna tal-pulizija tal-kommunita t-traffiku għandu jkun aktar mexxej.

54.3.8 Il-Kunsillier Tewma staqsa rigward l-bolavostri taz-zuntier, bis-Sindku jwieġeb li l-perit għadu jara l-possibilitajiet kollha u jiddeċiedi fuq disinni. Il-Kunsillier Tewma staqsa wkoll fuq it-tħawwil tas-siġar, liema siġar skond is-Sindku se jitħawlu iktar tard b'siġar mgħola 1.2m b'sistema ta' rrigazzjoni miċ-ċiskerna li nstabet fil-pjazza quddiem il-Kazin Laburista. Is-siġar li kien hemm fil-pjazza ġew rilokati fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus u oħra fid-daħla ta' Triq Sannat kif ġie aċċennat f'laqgħat preċedenti. L-istess Kunsillier Tewma staqsa wkoll dwar l-iskavar tal-ġibjun, liema xogħol se jsir wara l-festa ta' Lulju.

54.3.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' April 2023 għall-prezz ta' €1260.00
AIS Environment Ltd għas-servizz ta' Archaelogical Monitoring għax-xahar ta' Marzu 2023 għall-prezz ta' €1317.94
AIS Environment Ltd. għas-servizz ta' Archaelogical Monitoring għax-xahar ta' April 2023 għall-prezz ta' €465.16
Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.4.1 Is-Sindku qal li mill-allokazzjoni ta' Miżura 4 fondi ewropej taħt il-GAGF, liema fondi se jintużaw għall-każin tal-banda, il-Kunsill għamel 'Change Request Form' għal estensjoni fiż-żmien sa l-aħħar ta' Diċembru 2023 minħabba x-xogħolijiet peress li kellhom jerġgħu joħorġu l-offerti neċessarji. Il-Kunsill qed jistenna l-konferma. It-tender tar-refurbishment tas-sala tal-każin tal-banda marbuta ma Miżura 4 għax xogħol ta' refurbishment, reġgħet ħarġet bl-accelarating procedure u tagħlaq għada sa l-10am u għandu jerġa jiltaqa' l-istess board biex jevalwa u jiġġudika din l-offerta. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Tewma se jerġgħu joqogħdu fuq dan il-bord flimkien mas-Sindku bħala ċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarju tal-bord.

54.4.2 Is-Sindku qal li kif kien semma' fl-aħħar laqgħa preċedenti, l-Kunsill ġabar kwotazzjoni biex tibda t-tisqija tas-siġar u l-arbuxxelli madwar il-lokalita' u jssemmi speċifikament Ġnien il-Bidwi. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

54.4.3 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li hemm il-ħtieġa biex il-Kunsill jara fejn hawn dawl nieqes filgħaxija marbuta ma bozoz fit-toroq, anki għal-fatt tas-sentenza tal-Qorti li ngħatat ftit jiem ilu kontra Kunsill Lokali partikulari. Għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Inġinier biex issir spezzjoni filgħaxija biex jingħata rapport b'risk assessment ta' dan. Eventwalment ser issir talba permezz ta' email lir-Reġjun t'Għawdex għal-fondi meħtieġa għal bozoz fejn hemm bżonn u anki jiżdiedu minħabba bini ġdid. Hekk ukoll il-Kunsill ikun kopert minn xi inċident li jista jinqala minn nuqqas ta dawl.

54.4.4 Is-Sindku nforma li l-Kunsill talab kwotazzjonijiet biex jiġu mixtrija u nstallati bankijiet ġodda fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva dawn il-kwotazzjonijiet b'irħas waħda dik mill-kumpanija 'Agri & Pets Supplies' għal 8 bankijiet magħmula minn wooden composite material. Liema kwotazzjoni tammonta għal €4,400.04 bil-Vat inkuża. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw u jiġu nstallati. Il-Kunsillier Bajada staqsa jekk il-parking ta fuq ta Mgarr ix-Xini ġiex meħud mill-kiosk biex jarma l-imwejjed u siġġijiet taħt l-umbrelel. Is-Sindku qal li l-kunsill qatt ma rċieva talba għal permess jew daħal xi rapport. Pero l-pulizija tal-kommunita se jintalab biex imur fuq il-post u jiċċekja. Illum stess l-beach cleaner daħħal rapport li waqa xi ħajt li jrid jiġi rranġat, kif ukoll is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-kuntrattur biex sa din il-Ġimgħa iwaħħal it-tabella 'Merħba Mġarr ix-Xini' li kienet tkissret bl-elementi naturali meta kien il-maltemp.

54.4.5 Is-Sindku qal li l-offerta għal xiri ta trukk pickup ħarġet u tagħlaq nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju u jrid jinħatar bord għal evalwazzjoni u aġġudikazzjoni. Il-Kunsill ħatar bord għal dan il-għan li jinkonsisti fl-Inġinier u l-Viċi Sindku Galea flimkien mal-Kunsillier Tewma.

54.4.6 Is-Sindku qal li fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm saret ħarġa għal anzjani nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju 2023. F'din l-attivita l-anzjani ngħataw qasrija zgħira u ttellew xi spot prizes. Il-Kunsill ġie avviċinat biex attivita bħal din ssir darba f'xahar preferibilment fil-ġurnata tal-Ħamis.

54.4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mall-Community Policing nhar it-Tlieta 25 ta' April 2023, fil-11 ta' filgħodu, fejn ġiet diskussa fost oħrajn l-applikazzjoni tal-iskema finanzjarja mid-DLG dwar komunitajiet aktar siguri u organizzati u dwar it-tabelli tan-No Parking mis-7 a.m. sas-7.00 p.m. fi Triq Ta' Ċenċ. Flimkien mal-pulizija ġie diskuss fejn jistgħu jitwaħħlu u liema tip ta' kameras tas-sigurta, fejn fost l-oħrajn ġie msemmija li jistew jiġu nstallati f'Pjazzetta tax-Xelina, Triq il-Kbira u Triq tal-Gruwa. Fil-laqgħa ħareġ ukoll li l-kuntrattur għandu jwaħħal iktar tabelli tat-traffiku fi Triq ta' Ċenċ, biex ikun jista jsir aħjar l-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sindku ssuġġerixxa waqt il-laqgħa li r-Reġjun jixtri van bic-CCTV cameras li tmur f'postijiet differenti madwar Għawdex u tieħu filmat ta xi abbuż li qed isir. Fil-laqgħa ġiet diskussa kif l-pulizija qed jispezzjonaw siti ta' kostruzzjoni partikularment rigward permessi, ndafa u xi inkonvenjenzi oħra. Is-Sindku qal li dawk il-kuntratturi li jinqabdu li qed jaħdmu mingħajr permess mitlub mill-Kunsill mhux se joħrog permess għal dik il-ġurnata partikulari.

54.4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ir-restawr tal-Kalkara tal-Ġir b'fondi mill-LESA li ġew approvati xi sena u nofs ilu. Il-Perit kellu jinforma lil SCH u l-Kunsill qed jistenna l-permess mingħand l-Awtorita tal-Ippjanar li talbet clearance fuq dangerous structure qabel jibda dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li jekk jibqa xi fondi, ser issir talba lill-LESA biex ikunu jistgħu jintużaw għal xi proġett ieħor.

54.4.9 Is-Sindku qal li l-Perit ipprepara drawings għal upgrading ta' equipment fil-playing field fi Triq Marziena. Fil-fatt saret laqgħa llum stess ma kuntrattur partikulari li jġib il-playing equipment fuq il-post, fejn saret spezzjoni ta' din iz-zona. Fost l-oħrajn ġie ssuġġeriet li ċertu equipment għadu tajjeb jew jista jittranġa bl-inqas spejjez, li l-'Adventure Equipment' għandu jinbidel u tiżdied bandla oħra għal-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill qed ifassal pjan ambizzjuz biex l-playing field eżistenti jinqala, jsir ġibjun u jerġa jsir playing field mill-ġdid. Hemm skema tad-dipartiment li tagħlaq f'Awwissu li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema.

54.4.10 Is-Sindku qal li fi Triq tal-Gruwa qed ikun hemm ħafna ħmieġ avolja l-ħaddiema tal-Kunsill qed inaddfu frekwentement din it-triq. Il-Kunsillier Bajada semma li fl-opinjoni tiegħu għandu jkun hemm aktar tindif mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-bins taż-żibel iridu jinħaslu aktar spiss u semma wkoll li l-ħaddiem li kien nieqes reġa rritorna għax-xogħol. Semma ukoll li bil-ħaddiema mal-kunsill, il-lokalita' qed tiġi pratikament miknusa kuljum u għalhekk ma jippretendiex li jidħlu rapporti ta' nuqqas ta' indafa. Issemmiet wkoll li skond il-kampanja edukattiva li għaddejja bħalissa mhux jinqata ħaxix ħazin fit-toroq mhux urbani minħabba l-konservazzjoni tan-naħal. Waqt laqgħa li kellu mad-Direttur mill-Ministeru għal Għawdex, ħareġ li issa ma jistax ikun li l-Ministeru jintalab biex jibgħat ħaddiema biex inaddfu. Pero, l-Ministeru se joffri s-servizz biex l-boroz jinġabaru minn żewġ postijiet identifikati u jintrema. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsillieri biex jekk jaraw xi ħmieġ fit-toroq jirrapurtaw.

54.4.11 Is-Sindku semma li l-Wine festival li sar ftit jiem qabel fi Pjazzetta Cocco Palmieri kien suċċess kemm fl-organizzazzjoni kif ukoll fin-numru ta' nies li attendew.

54.4.12 Is-Sindku qal li l-Perit ipprepara ukoll pjanti proposti għal bini ta' żewġ kmamar fil-Ġnien tal Bidwi. Dawn il-kmamar jistgħu jservu bħala lecture rooms għat-tfal u nies li jżuru l-post u l-possibilta li jkun hemm xi acquariums esebiti.

54.4.13 Is-Sindku qal li l-Kunsill bgħat lill-Kumitat għal Ismijiet tat-toroq biex jingħata l-isem lill-Ġnien tal-Bidwi. Dan l-isem tal-ġnien mhux rikonnoxxut mal-bord ta' l-ismijiet tat-toroq u għalhekk trid isir applikazzjoni lil dan il-bord. Issemma wkoll kif f'laqgħat preċedenti ssemmew li ċertu toroq ġodda jridu jingħataw isem, preferebilment ta' nies li ħadmu għar-raħal ta' Sannat

54.4.14 Is-Sindku issospenda l-laqgħa fit-14.55 p.m.

54.4.15 Il-laqgħa tkompliet fit-15.06 p.m.

54.4.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-proġett CERV-2023-Citizens-town-nt. Proġett li jinvolvi diversi lokalitajiet barra minn Malta b'opportunitajiet ta' skambju.

54.4.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-proġett ta' Erasmus+ bit-title B.R.I.D.G.E.S. Dan il-proġett b'kollaborazzjoni ma partner mill-Kroazja, jista joffri iktar opportunitajiet għaż-żgħażagħ Sannatin.

## 54.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

54.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

54.5.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 54.6 Komunikazzjoni

54.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 9/2023 – Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' *Focal Persons*
Ċirkulari Numru 10/2023 – Inizzjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ
Ċirkulari Numru 11/2023 – Tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali. Din saret ilbieraħ fl-okkazzjoni ta' tletin sena ta' Gvern Lokali.

54.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
04 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/025 – Joining the PES Group campaign #SafePlace4Women
05 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/026 – European Cities Against Drugs ECAD_Mayors' & Stakeholders Conference @ Welcome Dinner
12 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/027 – European Bench for Local Councils
12 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/028 – Discussing the National Energy and Climate Plan for Malta and the way forward to Join the Covenant of Mayors
20 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/029 – Komunikazzjoni mill-LESA – Formoli ġodda tal-Bord tal-Petizzjonijiet
24 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/030 – Binjiet mixgħula bl-aħmar – Il-14 ta' Ġunju – Il-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm 2023. Ser tinxtegħel il-faċċata tal-kunsill bil-kulur aħmar.
27 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/031 – Tnedija tad-dokument ' Parking Management Sustainable Mobility ' 31/05/2023
27 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/032 – Invitation: Training on how to fight disinformation 10th & 11th May 2023
28 ta' April 2023 – Cir AKL 2023/033 – CEMR Expert Groups Workshops – Capacity Building
02 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/034 – PV Battery Project
02 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/035 – Tabelli bil-Malti
03 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/036 – MCCAA Events Enquiry
05 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/037 – Youth in Cities Dialogue (online) – 11 May – Africa, Asia & Europe

54.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
11 ta' April 2023 – SPI/SCI/10/2022
13 ta' April 2023 – RE: Obbligu ta' liċenzjar tal-kuntratturi – Konsultazzjoni Pubblika
14 ta' April 2023 – FW: Stedina għall-programm "Hekk Naħsibha Jien" fuq Radju Malta 1
18 ta' April 2023 – FW: Stakeholders Briefing Gozo
20 ta' April 2023 – ATTN: Builiding Europe with Local Councils Information Sessions for all Local Councillors – Monday, 24th April 2023
27 ta'April 2023 – FW: GOZO – SUMP/SULP CONSULTATION MEETINGS INVITATION
02 ta' Mejju 2023 – Invitation – Għal Għawdex – Press Conference

## 54.7 Rapport ta' Kull Kwart (Jan – Mar 2023)

54.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Rapport ta' kull Kwart 3/2022 kien ntbgħat permezz tal-imejl flimkien mal-Aġenda u l-Minuti tal-laqgħa preċedenti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 54.8 Ilmenti u Suġġerimenti

54.8.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir Mr & Mrs. Sannat Teen fl-1 ta' Lulju fil-pjazzetta Cocco Palmieri. Din se tkun opportunita għaz-żagħżagħ peress ukoll li se jsir Talent Show wara nofsinhar. Fl-aħħar tas-serata se jsir Street party b'messaġġ favur divertiment b'responsabilta. Dan se jsir applikazzjoni mal-Ministeru ghal Għawdex għal fondi meħtieġa.

54.8.2 Is-Sindku semma wkoll Festa Għaġina li apparti li l-Kunsill ġab fondi Ewropej, l-Kunsill daħħal ukoll applikazzjoni mal-Gvern Lokali għal din l-attivita. Ser jsir diskussjoni iktar il-quddiem kif se tittella din l-attivita'.

54.8.3 Resident talab li tinżebaħ stop sign li hemm fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Dun Xand Aquilina. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li saret talba permess tas-sistema MGOZ.

54.8.4 Resident talab li terġa tinżebah l-slip way ta Mġarr ix-Xini peress li diġa bdiet tiġi frekwentata. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Requst System* sabiex ikun jista jsir dan. Ser ssir talba wkoll biex titwaħħal it-tabella tas-sigurta.

54.8.5 B'referenza għall-ilment numru 17/2023, resident li joqgħod fi Triq Xabbata talab li tiġi rranġata l-bankina tar-residenza tiegħu peress li din tkissret bil-vetturi. Ser jsir talba permezz tas-sistema tal-MGOZ.

54.8.6 Residenta bagħtet ritratti fuq facebook dwar l-stat li jinsab fih l-*playing field* li hemm fi Triq Marziena fosthom l-*playing equipment.* Il-Kunsill se jara minn fejn se jġib il-fondi relatati max-xogħlijiet u l-equipment neċessarju.

54.8.7 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira fejn ilmenta rigward ħarruba kbira li hemm għal ġo Triq Bardan. Dan peress li ġo tlett xhur kissrulu l-gallarija tlett darbiet. Il-Kunsill għandu japplika ma l-ERA biex tinżabar u jitneħħa kull inkonvenjent.

54.8.8 B'referenza għall-ilment numru 18/2023, residenta anzjana minn Triq Ix-Xabbata qed titlob li jsir sapport fuq il-bankina biex tkun tista sserraħ magħha biex tidħol u toħroġ mid-dar.Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir din.

54.8.9 Individwi ressqu lment rigward l-istat ħażin b'ħofor fondi u perikolużi fill-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini. Ser tintbagħat talba bis-sistema tal-MGOZ.

54.8.10 Il-Kunsillier Bajada staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-ħadida għas-sapport għar-resident partikulari biex ikollu aċċess li semmha fil-laqgħa preċedent ġietx ordnata. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġiet ordnata.

54.8.11 Is-Segretarju Eżekuttiv nnotifika lill-Kunsilliera fuq il-kuntratt e-bikes mar-Reġjun Għawdex biex jiġi ffirmat. Is-Sindku qal li dawn jistgħu jintużaw biss minn persuni ta' bejn minn 16 sa 18-il sena. Is-Sindku qal li jrid jiġi ammendat dan il-kuntratt qabel ma jiġi ffirmat.

## 54.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 5/2023

54.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 54.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

54.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.32 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju, 2023

**Iffirmati** **Iffirmati**

Philip Vella
Sindku

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv